---

29 ta' Settembru, 1947.

Imħallef:

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

John Ciancio *versus* Emilia Dugo ne.

**Copyright — Fotografija — Eżibizzjoni — Riproduzzjoni — Copyright Act, 1911.**

*Id-dritt tal-Copyright ta' fotografija huwa tal-persuna fotografata meta din tkun ordnat lill-fotografu r-ritratt tagħha bi ħlas; u l-fotografu ma jistax jeżibixxi dik il-fotografija mingħajr il-kunsens tal-persuna fotografata.*

*Il-fatt li l-fotografu jeżibixxi dik il-fotografija mingħajr dak il-kunsens ma jammontax għal ksur tal-copyright; għax biex ikun hemm dan il-ksur huwa meħtieġ illi jkun hemm moltiplikazzjoni tax-xogħol oriġinali per mezz ta' kopji.*

*Imma anki jekk il-fotografu jikser il-copyright dana ma jfisserx illi huwa jitlef id-dritt tiegħu li jitħallas ta' xogħlu biex għamel ir-ritratt.*

Il-Qorti, — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta għall-kundanna tal-konvenuta biex tħallas żewġ liri (£2) ta' fotografija minnu magħmula; bl-ispejjeż;

Rat il-kontestazzjoni tal-konvenuta, fejn, għalkemm ma tikkontestax l-ammont mitlub, iżda qalet illi huwa eżibiha publikament u għalhekk kiser il-"copyright";

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fis-26 ta' Awissu 1947, fejn laqgħet it-talba ta' l-attur u ordnat illi l-ispejjeż jitħallsu ¾ mill-konvenuta u ¼ mill-attur; wara li kkunsidrat;

Fuq il-proprjetà tal-"copyright", illi skond l-art. 5 (1) (a) tal-Copyright Act, li sar applikabili f'Malta per mezz ta'

proklama tat-28 ta' Gunju 1912, il-"copyright" huwa tal-persuna fotografata meta jsir "for valuable consideration"; illi f'dan il-każ il-fotografija ġiet ordnata in konsiderazzjoni ta' kumpens, għax l-attur huwa fotografu ta' professjoni; li din id-dispożizzjoni taqbel ma' dik tal-"Fine Art Copyright" ta' l-1862; illi fil-Halsbury, Laws of England, Vol. VIII, p. 193, insibu illi "when a person employs a photographer in the ordinary way and pays for the copies ordered, the copyright in the photograph belongs to the customers"; illi l-espressjoni li għandu l-attur miktuba fl-irċevuta ma għandhiex valur, għaliex b'dawk il-kliem l-attur ried ifisser illi huwa għall-kumdità tal-klijenti ma jiddistruġġix, imma jikkonserva n-negativi; illi huwa prinċipju stabbilit fid-dottrina u fil-ġurisprudenza lokali u Ingliża illi l-fotografu, mingħajr il-kunsens tal-persuna fotografata, ma jistax jeżibixxi l-fotografija (ara Copinger, Law of Copyright, p. 87, Ediz. VII), u Halsbury "Laws of England", fol. 194; Kollez. P.A. "Frendo Randon vs. Zammit Hamnet", Vol. XXV — II — 428, u "Chevalier vs. Vassallo", XXV — I — 1045);

Illi għalhekk l-attur ma kellux dritt jeżibixxi l-fotografija fil-ħanut, mhux biss mingħajr kunsens, iżda kontra d-divjet tal-konvenuta; illi ma jidherx illi dan in-nuqqas jaqa' taħt ebda parti tal-liġi tal-"copyright" (ara Copinger, pag. 150 u 37); illi anki jekk "ex ipothesi", hemm ksur ta' "copyright", fl-ebda parti ta' dan l-Att ma hemm illi l-fotografu jitlef id-dritt għall-kumpens ta' xogħlu; illi l-konvenuta kellha d-dritt kollu biex dik il-fotografija titneħħa mill-vetrina, anki per mezz ta' mandat ta' inibizzjoni, u anki drittijiet oħra; illi l-artikolu ċitat mill-konvenuta mhux applikabili, għax jirrigwarda kopji illeċiti jew pjanċi wżati, jew maħsuba biex jiġu wżati, għal produzzjoni ta' kopji illeċiti, u mhux għal xogħol magħmul leġittimament u espost biss arbitrarjament fil-publiku; illi rigward l-ammont ma hemmx kontestazzjoni;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuta u ċ-ċitazzjoni tagħha fejn talbet ir-riforma ta' dik is-sentenza, billi tiġi revokata in kwantu laqgħet it-talba ta' l-attur u kkundannat lill-konvenuta għal tliet kwarti mill-ispejjeż, u konfermata għall-

kumplament, u għalhekk jiġi deċiż għar-riġett tat-talba ta l-attur bl-ispejjeż kollha kontra l-attur;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi fuq il-proprjetà tal-"copyright" l-appellat ma nsis tiex, anzi ammetta fit-trattazzjoni orali ta' dan l-appell ill l-"copyright" hija tal-konvenuta appellanti, kif tajjeb irri teniet l-Ewwel Qorti;

Tikkunsidra;

Illi fuq il-ksur tal-copyright, kif tajjeb irriteniet l-Ewwe Qorti, huwa neċessarju li jkun hemm multiplikazzjoni tax xogħol oriġinali per mezz ta' kopji, kif jgħid ukoll l-awtu fuq ċitat Copinger, pag. 150: "subject to section 2, subsectio 2, of the Act, there must be some multiplications of th copies of the artistic work in order to make an infringemen of copyright". L-oriġinali eżibita mhijiex kopja, imma hij preċiżament dik il-fotografija li ġiet ordnata mill-appellanti u allura tibqa' l-kwistjoni ta' l-eżibizzjoni tagħha;

Tikkunsidra;

Illi l-eżibizzjoni ta' l-oriġinal fil-vetrina mingħajr kunsen tal-proprjetarju, anzi kontra d-divjet tiegħu, ma tikkostitwi "infringement of copyright". Infatti l-awtur fuq ċitat fil pag. 150 ikompli jgħid illi "the fact that copies lawfully pro duced are used for purposes other than those permitted by the proprietor of the copyright does not constitute an infringe ment of copyright, though it may be a breach of contract Thus, in a case where the owners of the copyright in an en graving gave a licence to a publisher to use the picture onc only as a small wood block in a pamphlet illustrative of cer tain pictures, the defendants who had purchased a number o the pamphlets and cut off the wood-cut in question an mounted it on cards which they sold, were held not to b guilty of infringement of copyright" (Frost vs. Oliva Serie Publishing Co., 1908, 24 T.L.R. 649; cf. Murray vs. Heat 1831, 1 B. & Ad. 804);

"Multo magis" fil-każ preżenti fejn l-attur għamel użu illeċitu mhux tal-kopja, iżda ta' l-istess fotografija oriġinali huwa se maj kiser il-kuntratt li kellu ma' l-appellanti, iżda

ma jistax jingħad li kiser il-"copyright". L-istess awtur fuq ċitat igħid ukoll illi "The Statute does not make it an infringement of copyright to exhibit in public an original picture, whether for trade or otherwise.................", u jiċċita wkoll ġurisprudenza tal-Qrati ta' l-Ingilterra fuq dan il-pont. Infatti l-art. 2 (iii) tal-Copyright Act igħid li ma hemmx "infringement of copyright" fil-każi hemm speċifikati, u fosthom il-pubblikazzjoni ta' fotografiji;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti;

Tirrespinġi l-appell tal-konvenuta, u għalhekk tikkonferma s-sentenza fuq imsemmija, bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-konvenuta appellanti.